MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 871/1999/1

**Anthony Mangion**
**Vs**
**Motherwell Bridge Industrial Services Ltd.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi kien halla fil-*yard* tas-socjeta’ konvenuta “*hull*” ta’ “*ocean going motor sailor*” ta’ 42 pied u 14-il pied wiesgha tal-azzar ghall-*sand blasting*;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta minhabba nuqqas ta’ attenzjoni u bla ebda permess ta’ l-attur qabdet u qattghet u carrtet l-imsemmi “*hull*” waqt li kienet qed tesegwixxi l-inkarigu li kien taha l-attur;

Premess minhabba l-agir negligenti ghal kollox u llegali da parte tas-socjeta’ konvenuta l-attur sofra danni konsiderevoli li s-socjeta’ konvenuta, nonostante li giet interpellata ma waslitx biex thallsu

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

Li s-socjeta’ konvenuta tigi dikjarata minn dina l-Qorti responsabbli ghad-danni li sofra l-attur bid-distruzzjoni kompleta tal-imsemmi “*hull*”, propjeta’ tieghu;

Ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tillikwida l-imsemmija danni fil-kaz ta’ bzonn per opera ta’ perit nominandi

Ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tghaddi biex tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata per opera tal-istess periti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tas-26 ta’ Ottubru, 1998, 9 ta’ Novembru, 1998, 18 ta’ Frar, 1999 u 21 ta’ Mejju, 1999 u bl-imghax skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Motherwell Bridge (Malta) Ltd** a fol. 9 tal-process fejn eccepiet :

Illi preliminarjament ma tezisti ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur stante li kwalsiasi ftehim sar mal-kumpanija Motherwell Bridge Industrial Services Limited.

Illi subordinatament, trid issir prova li l-attur kien il-propjetarju de quo tal-qafas tad-dghajsa in kwistjoni.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-preskrizzjoni ta’ sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kap 16.

Illi subordinatament, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-qafas gie abbandunat mill-attur fil-

fabbrika tal-kumpanija konvenuta ghal diversi snin u b'hekk l-kumpanija konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghal dak li gara.

Illi f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li b'xi mod il-kumpanija konvenuta hija responsabbli ghandha ssir il-prova tal-valur tal-qafas li zgur ma jeccedix l-elf lira (Lm1,000)

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Motherwell Bridge Industrial Services Limited** a fol. 16 tal-process fejn eccepiet:

Illi preliminarjament, trid issir prova li l-attur kien il-propjetarju *de quo* tal-qafas tad-dghajsa in kwistjoni.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kap 16.

Illi subordinatament, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-qafas gie abbandunat mill-attur fil-fabbrika tal-kumpanija konvenuta ghal diversi snin u b'hekk il-kumpanija konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghal dak li gara.

Illi f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li b'xi mod il-kumpanija konvenuta hija responsabbli ghandha ssir il-prova tal-valur tal-qafas li zgur ma jeccedix l-elf lira (Lm1,000).

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza preliminari taghha a fol 52 li biha cahdet it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat is-sentenza a fol. 70B li biha laqghet l-ewwel talba ta' l-attur;

Rat id-digriet a fol. 96 li bih gie nominat l-espert tekniku Anthony Cassar;

Rat ir-rapport tieghu a fol. 112;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Tikkunsidra**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq it-tieni u tielet talba ta’ l-attur dwar danni.

**Kontestazzjoni**

L-attur ghamel referenza ghall istima li hu pprezenta u giet rilaxxata minn Van De Stadt Design fl-ammont ta’ Euro 41,625 a fol. 84 tal-process, ghal “*hull of our design no. 424 Norman 40, multi-chine steel construction, sandblasted and undercoated done by a Dutch shipyard”.* Din hija stima minghajr Vat u minghajr Trasport lejn Malta. L-attur qed jippretendi Lm35,000 u dan jinkludi l-Vat u Trasport. Hu jikkontendi li d-dokumenti ipprezentati mill-konvenuti a fol. 119 m’ghandhomx x’jaqsmu mal-opra tal-bahar in kwistjoni billi ta’ l-attur kienet 42 x 14 pied mentri dik ezibita mill-konvenuti hija *second-hand* 30 x 8.

Il-konvenuti qed jissottomettu min naha l-ohra li fic-cirkostanzi l-offerta’ taghhom ta’ Lm2,500 ta’ qafas mitluq kienet ragjonevoli u li l-valuri pretizi mill-attur huma ghall kollox inverosimili u dana ghar-ragunijiet li huma jsemmu fin-nota taghhom a fol. 134/135.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Din il-Qorti b’sentenza taghha tat-28 ta’ Marzu 2003 kienet iddecidiet il-kwistjoni tar-responsabilita’ tal-konvenuti ghad-danni li l-attur sofra minhabba l-agir tal-konvenuti. Il-Qorti kienet sabet li l-attur ma kienx responsabbili ghal-hsara li kienet garrbet il-hull meta kienet fil-fabbrika tal-konvenuti.

Dwar il-kwistjoni tad-danni l-Qorti kienet innominat espert tekniku u dan kien irrelata li :

"*After going through the relevant documents available, bearing in mind that the boat (hull) does no longer exist, to the best of my knowledge and on my calculated assumptions, I would estimate the value of the boat would have been Lm18,000*".

Il-Perit tekniku wasal ghal istima tieghu tal-*hull* bhala wahda li kienet giet *sandblasted* u mizbugha in parti. Il-*hull* huwa ma rahx.

Meta l-perit tekniku gie eskuss, accetta li hu ezzenzjali li meta taghmel stima ta' *boat*, din trid taraha u mistoqsi jekk dak il-prezz li kien iffissa kienx wiehed fiss u jekk kienx il-massimu, wiegeb li prezz jista' jvarja u dan ghax l-oggett ma kienx rah. Rigward id-dokumenti esibiti a fol. 119 *et seq* dwar reklami ghal *boats* (mhux hulls) ghal bejgh, il-Perit wiegeb li hu essenzjali ukoll anke fil-kaz ta' reklami fil-gazzetti li wiehed jara wkoll fizikament il-dghajsa. Il-Qorti tirrileva li l-kejl ta' dawn il-*boats* huwa differenti mill *hull* ta' l-attur.

Kwantu ghat-talba ta' l-attur ghall ammont ta' Lm35,000 skond stima rilaxxjata min Van De Stadt Design, din l-istima mhiex accettabbili ghall Qorti billi l-ewwel nett qed tirreferi ghal oggett gdid, mentri l-*hull* ta' l-attur ma jistax jinghad li kien wiehed gdid billi kien gie abbandunat barra mis-sidien taghha li kienu fallew. Inoltre d-ditta ta' barra li harget il-prezz ma kelliex id-dettalji kollha dwar dina l-*hull* u lanqas kif kienet giet mibnija.

Il-Qorti *invece* ser toqghod fuq l-istima li pprepara l-espert imqabbad minnha b'dan pero li l-valur indikat minnu ghandu jinkludi anke il-Vat, u dana in vista ta' dak li xehed li l-valur stmat tal-*hull* jista' jvarja billi hu qatt ma ra fizikament il-*hull*.  L-ammont ghal *transport* mhux qed jittiehed in konsiderazzjoni u ghalhekk mhux dovut mill-konvenuti billi l-Qorti qed tillikwida l-ammont bhala *replacement* tal-*hull* li kellu l-attur li kien inbena Malta u mhux biex l-attur igib wiehed gdid minn barra.  Finalment

il-Qorti tirrileva li fin-1998 l-attur kien inghata offerta ghall *hull* fl-ammont ta' Lm15,000.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
tillikwida l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta' tmintax il-elf lira Maltin (Lm18,000) li jinkludi l-Vat;
u tikkundanna lis-socjeta' Motherwell Bridge Industrial Services' Ltd, thallas lill-attur is-somma hekk likwidata.
Spejjez ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------